MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 882/1995/2

**John Debattista**

**vs**

**Anthony, Josephine, Emanuele u Alfred ahwa Debattista, Carmen Sammut u zewgha Emanuele ghal kull interess li jista` jkollu u, Antida mart Anthony Mallia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentat mill-attur fl-4 ta` Lulju, 1995, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fit-23 ta` Frar, 1992 miet missier il-kontendenti li kien jismu wkoll John Debattista u l-wirt tieghu huwa regolat f`testment unika karta li kien ghamel ma` martu Antonia fit-23 ta` Lulju, 1981 kif ukoll minn zewg testmenti ohra, t-

tnejn fl-Atti tan-Nutar Maurice Gambin ta` 8 ta` Frar, 1989 u ta` 20 ta` Settembru, 1990.

John Debattista, id-decujus, ma kienx legalment kapaci biex jaghmel l-imsemmija zewg testmenti ta` 8 ta` Frar, 1989 u tal-20 ta` Settembru, 1990 u kif jigi ampjament ipprovat waqt t-trattazzjoni tal-kawza u dan principalment ghaliex kien mentalment inkapacitat.

Fis-26 ta` Gunju, 1991, fl-atti ta` Nutar Maurice Gambin, l-istess decujus John Debattista konceda lill-Manwel u Carmen konjugi Sammut b`titolu ta` cens perpetwu n-nofs indiviz tad-dar Numru 40, Msida Sea Front, Msida u fil-kwalita` tieghu ta` uzufruttwarju ikkonceda b`lokazzjoni n-nofs indiviz l-iehor.

Fil-mument li sar l-imsemmi kuntratt l-istess John Debattista ma kienx legalment kapaci biex jaghmel l-istess kuntratt u inoltre l-istess kuntratt sar bi frodi ippratikat minn komparenti fuq l-istess kuntratt u cioe` Josephine Debattista li kienet qed tidher a bazi ta` prokura generali ta` missierha kif ukoll minn konvenuta Carmen Sammut li deheret kemm f`isimha kif ukoll f`isem imsemmi zewgha Emanuele Sammut.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija zewg testmenti ta` John Debattista, dawk ta` 8 ta` Frar, 1989 u 20 ta` Settembru, 1990 fl-atti ta` Nutar Maurice Gambin huma nulli u minghajr effett ghar-ragunijiet premessi.

2. tiddikjara u tiddecidi illi l-kuntratt tat-trasferiment u lokazzjoni tal-20 ta` Gunju, 1991 fl-atti ta` Nutar Maurice Gambin imsemmi huwa null u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

3. tiffissa l-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta` kull att li jirrizulta necessarju u opportun a bazi ta` l-ewwel talba u tahtar wkoll kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci u Nutar sabiex jippubblika l-istess Att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Josephine Debattista, Carmen Sammut u zewgha Emmanuele Sammut li in forza taghha eccepew illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghax, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza missier il-kontendenti kien altru milli fil-pjeni sensi tieghu meta ghamel l-atti u l-kuntratti li l-attur qed jimpunja.

2. Mhux minnu li giet prattikata xi frodi kif allegat mill-attur, imma kollox sar regolari u b`mod li kien jirrispekkja il-volonta` tal-mandati.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Debattista li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Kwantu l-azzjoni hija diretta biex tannulla t-testmenti maghmula minn missier l-eccipjent, din hija ghal kollox priva minn kull fundament guridiku u fattwali, ghalhekk ghandha tigi michuda.

2. Kwantu l-azzjoni hija diretta biex tannulla l-lokazzjoni hemm imsemmija, din ma tirrigwardahx ghax b`ebda mod m`hi konnessa mieghu u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antida Mallia li in forza taghha eccepiet illi:

1. Fil-principju, l-eccipjenti ma ghandha ebda oggezzjoni illi t-testmenti u l-kuntratt mertu tal-kawza *de quo* jigu dikjarati nulli u minghajr effett kif mitlub fic-Citazzjoni;

2. B`danakollu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qatt ma kienet involuta b`ebda mod fl-agir allegat mill-attur u ghalhekk, f`kaz illi t-talbiet attrici kellhom jigu akkolti, l-istess eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta` din l-istanza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Debattista li in forza taghha eccepixxa illi:

1. L-eccipjenti ma joggezzjonax li t-testmenti ta` missieru John Debattista, tat-8 ta` Frar, 1989 u tal-20 ta` Settembru, 1990, u l-kuntratt tal-20 ta` Gunju, 1991 ilkoll fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, mertu tal-kawza fuq indikata, jigu dikjarati nulli u minghajr effett, kif mitluba fl-istess citazzjoni;

2. Minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-eccipjent ma kien fl-ebda mod involut fl-agir allegat mill-attur u b`daqshekk l-eccipjent m`ghandux ibghati l-ispejjez ta` dawn il-proceduri;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tal-konvenut Emanuel Debattista li in forza taghha huwa ammetta t-talbiet attrici kif dedotti u kkondivida l-fatti dikjarati;

Rat id-diversi affidavits prodotti bhala prova;

Semghet il-provi l-ohra li ressqu l-partijiet;

Rat id-diversi digrieti moghtija minn din il-Qorti fil-kors tas-smiegh tal-provi f`din il-kawza u li servew ghall-ahjar direzzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna l-wirt ta` missier il-kontendenti, John Debattista, li miet fit-23 ta` Frar, 1992. Hu kien ghamel testment unica charta ma` martu Antonia fit-23 ta` Lulju, 1981, izda wara l-mewt ta` martu kien ghamel zewg testmenti ohra, it-tnejn ippubblikati min-Nutar Dottor Maurice Gambin, wiehed fit-8 ta` Frar, 1989 u l-iehor fl-20 ta` Settembru, 1990. Fis-26 ta` Gunju, 1991, fl-atti tal-istess Nutar, l-imsemmi John Debattista konceda lil Emmanuel u Carmen Sammut b`titolu ta` cens perpetwu u n-nofs indiviz tad-dar numru 40, Msida Sea Front, Msida, u fil-kwalita` tieghu ta` uzufruttwarju ikkonceda b`lokazzjoni n-nofs indiviz l-iehor. L-attur qed jallega li dawn l-atti huma nulli peress li d-*decujus* John Debattista ma kienx legalment kapaci biex jaghmel l-istess atti, u di piu`, huma rizultat ta` frodi pprattikati mill-konvenuti Josephine Debattista u Carmen Sammut.

Fil-kawza <u>“Paolo Farrugia et vs Carmela Spiteri et”</u>, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha Superjuri bhala Qorti Civili, fit-22 ta` Lulju, 1952 gew reassunti l-principji li jirregolaw il-materja in kwistjoni, principji li gew rikonoxxuti u addottati mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti ghamlet dawn il-kummenti:

*“I. Fid-dritt, il-prezunzjoni tal-ligi hija favurevoli ghas-sanita` mentali tat-testatur; “la sanita` di mente, come costituente lo stato normale degli individui, si presume”, Appell 28 ta` Jannar, 1914, Carmela Pirotta vs Salvina Carbonaro, Vol. XXII P.I. pag. 88; Appell 17 ta` Gunju, 1921 “Giorgio Imbroll noe vs Maria Carmela Mougliette”, Vol. XXIV P.I. pag. 793; Appell 23 ta` Ottubru, 1922 “Alessandro Gauci vs Vincenzo Mercieca et” Vol. XXV P.1 pag. 246; Prim`Awla 17 ta` April, 1925 “Roberto Pace vs Giuseppe Pace et” Vol. XXVI P. II pag. 78; u Appell 20 ta` Gunju, 1938 “Giuseppe Formosa et vs Giuseppa Axiak et” Vol. XXX P. 1. pag. 176.*

*II. Il-kapacita` tat-testatur m`hemmx bzonn li tkun hekk perfetta bhal ma hija mehtiega fl-atti l-ohra tal-hajja civili; "la legge non esige nel testatore quella purezza delle facolta` mentali che si richiede per l`esercizio degli altri atti piu` importanti della vita civile". Sentenza citata tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Jannar, 1914.*

*III. Li l-prova tal-inkapacita` trid tirrizulta minn fatti precizi u univoki; fil-kliem il-Qorti tal-Appell "La prova deve essere piena e rigorosa talmente di accertara che il disponente quando testava non aveva coscienza dello atto che compiva, ne` volonta` propria", 23 ta` Ottubru, 1922 Alessandro Gauci vs Vincenzo Mercieca, Collez. Vol. XXV, P.1 pag. 246; u f`sens konformi Appell 17 ta` Gunju, 1921 Giorgio Imbroli vs Maria Carmela Mougliette, Collez. Vol. XXIV, P.I pag. 793; Prim`Awla 17 ta` April, 1925 Roberto Pace vs Giuseppe Pace et Vol. XXVI, P. II pag. 78; u Appell 26 ta` Mejju, 1926 Francesco D`Anastasi vs Salvatore D`Anastasi, Collez. Vol. XXVI, P.I pag. 504.*

*IV. Li wiehed mill-ahjar kriterji dwar is-sanita` mentali tat-testatur hija r-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment; Appell 28 ta` Jannar, 1914, Pirotta vs Carbonaro, Collez. Vol. XXII, P.I. pag. 88, u Prim`Awla 31 ta` Marzu, 1933 "Filippo Cassar vs Giovanni Cassar et" Vol. XXVIII, P.II pag. 393".*

Barra min dan, inghad ukoll li persuna tista` taghmel, jew ahjar, ghandha l-kapacita` li taghmel, testment, kemm-il darba hija ghandha l-konoxxenza, jigifieri li tifhem l-azzjonijiet tal-persuni madwarha u l-effetti tal-azzjonijiet taghha, u kemm-il darba ghandha l-kapacita` li tifforma ntenzjoni.

Fil-kaz <u>"Vassallo vs Sammut"</u>, (Vol. XXXIV.II.108) il-Qorti ta` l-Appell applikat il-principju tal-konoxxenza u l-volonta` flimkien ma` l-ezami tar-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji sabiex tikkonsulta jekk testment kienx validu jew le (jigifieri jekk it-testatur, fiz-zmien li ghamel it-testment, kienx kapaci jew le).

Ghal dak li jirrigwarda dan l-element, Lord Chief Justice Cockun fil-kaz *"Banks vs Goodfellow"* (1870) sostna illi biex wiehed ikollu l-kapacita` li jiddisponi minn gidu permezz ta` testment, huwa jrid ikollu l-kapacita` li jifhem bic-car x`inhuma l-effetti ta` dan it-testment, x`inhi, kemm tiswa, kemm hi kbira l-proprjeta` li jkun jiddisponi minnha, min huma l-persuni li jistghu jinvistaw xi pretensjonijiet fuq il-patrimonju tieghu u kif ukoll kemm huma b`sahhithom u validi l-pretensjonijiet ta` dawn il-persuni. Dan l-ezami gie applikat mill-Qrati Maltin fil-kaz "Mifsud vs Giordano" (Vol. XXXVI.II.404).

Din il-Qorti, wara li gharblet u semghet il-provi prodotti, ma tarax li gie ppruvat li d-*decujus* kien nieqes mill-kapacita` mentali mehtiega biex jaghmel testment, u dan kemm fi Frar tal-1989, kif ukoll f`Settembru tal-1990. Apparti mard fiziku li ghalih kien gie kkurat fl-isptar St. Luke's, id-*decujus* ghamel epoka ghal habta tal-1977, li fih kien ibaghti minn dipressjoni qawwija, pero`, kif xehed il-Profs. Joseph Pisani, ghal dan hu inghata kura, *"kien irrisponda tajjeb ghal kura u kienet ghaddietlu"*. Fiz-zmien li ghamel it-testmenti in kwistjoni, id-*decujus* rega` gie ezaminat mill-istess Profs. Pisani li ma sab ebda traccja tad-dipressjoni li t-testatur kellu qabel. Il-Profs. Pisani kien gie mitlub jezamina lit-testatur peress li dan wera x-xewqa li jaghmel xi disposizzjonijiet testamentari. It-tabib personali tat-testatur, Dr. Azzopardi, hass li jkun ahjar li t-testatur jigi invistat minn psikjatra, u kien hu li sejjah lill-Profs. Pisani biex jinvistah. Fiz-zewg kazi, jigifieri qabel it-testment ta` Frar, 1989, u qabel it-testment ta` Settembru, 1990, il-Profs. Pisani invista lit-testatur u rrilaxxja certifikat fis-sens li t-testatur kellu l-kapacita` mentali li jaghmel testment. Hu irrelata li, ghalkemm it-testatur beda jbati minn certu rallentament tal-memorja konsistenti mal-eta` avvanzata tieghu, ma kien juri ebda disturb psikjattrika. Fic-certifikat ta` Settembru, 1990, il-Profs. Pisani kien anke zied li t-testatur *"ghandu koxjenza cara u orjentat perfettament fiz-zmien, ghall-persuni u ghal dak li jigri madwaru"*; hu qal ukoll li t-testatur wera hsieb car ta` dak li ried jaghmel u lil min ried jibbenifika. Il-Profs. Pisani, fix-xhieda tieghu, cahad li t-testatur kien ibati minn schizophrenia. It-testatur kien ukoll spjega lill-Profs.

Pisani x`ried jbiddel fit-testment, u minghajr ma dahal fir-raguni ghaliex ried hekk jagixxi, il-Profs. Pisani kkonstata li d-decizzjonijiet tieghu ma kienux vizzjati minn xi paranoja jew b`xi difett gravi mentali. Hu rah bhala *"bniedem ta` dak li hu li jixtieq jaghmel certu tibdil kif jixtieq jaghmel"*. Il-Profs. Pisani ikkonferma li hu kien staqsa lit-testatur diversi domandi biex jiddentifika jekk kienx orjentat, u iccertifika li t-testatur kien orjentat fiz-zmien u ghal persuni, u li iddentifika l-persuni li ried jibbenefika. Il-Profs. Pisani qal ukoll illi kieku t-testatur kellu *depression*, kien jaghti parir lill-familjari biex l-ewwel ihallu li jghaddielu, u wara jergghu jibghatu ghalih. Fiz-zewg drabi li rah, pero`, kien konvint bl-istat mentali tieghu u ccertifika li kien kapaci jaghmel testment.

Dak li rrelata l-Profs. Pisani huwa konfortat ukoll mill-provi, peress li min dak li intqal fuq it-testatur, fil-waqt li ma jistax jinghad li kellu mohhu car fuq kollox, jirrizulta li hu kien jaf b`dak li toffri l-hajja u kien isegwi dak li kien jigri madwaru. Kien isegwi l-ahbarijiet u l-avvizi fuq ir-radio u, hafna drabi, peress li uliedu l-bniet kienu jkunu fil-hanut, hu kien jirrepetilhom dak li kien laqtu fuq ir-radio. Kien dilettant tal-boxing u z-zwiemel u kien isegwi dan l-isport fuq it-televizjoni. Sa sena qabel ma miet kien imur Quddiesa kuljum, u meta ma kienx jiflah johrog ghall-Knisja, kien isegwi l-Quddiesa fuq it-televizjoni. Hu baqa` jiddentifika lill-uliedu u anke lin-neputijiet, u jidher li kellu konoxxenza wkoll tal-hin, tant li fis-sebgha ta` filghaxija kien jibghat lil xi hadd fil-hanut biex jghid lill-bniet jghalqu l-hanut biex ma jaqghalux citazzjoni.

Hu veru li hu allegat li f`okkazzjoni minnhom, it-testatur kien ipprova joqtol ruhu b`idejh, u anke attakka fizikament lil wahda minn uliedu bniet, pero`, mhux biss dawn l-episodji graw hafna qabel ma saru t-testmenti mpunjati, izda wahedhom juri, forsi, sinjali ta` depressjoni, pero`, ma jindikawx li d-*decujus* ma kienx jirraguna jew ma kienx jaf x`inhu jaghmel. Jista` jkun li f`dawk il-mumenti kien qed isofri minn dipressjoni qawwija, pero`, issupera dak iz-zmien ikrah, u ma irrizultax li sakemm miet hu qatt tilef il-kontroll tal-menti tieghu.

Jirrizulta li qabel elezzjoni generali, l-ahhar wahda qabel ma miet, il-vot tat-testatur gie mhassar fuq parir tal-bord mediku mahtur mill-Kummissjoni Elettorali. Apparti l-fatt li dan l-*"ezami"* sar circa sentejn wara l-ahhar testment, u allura mhux necessarjament jirrifletti l-istat mentali tat-testatur meta hejja t-testment tieghu, l-iskop ta` dan il-bord, pero`, kien wiehed limitat, biex jara jekk il-persuna hijiex jew le midhla tas-sitwazzjoni politika ta` dak iz-zmien. Id-domandi li l-bord staqsa huma semplici, pero` ristretti u ma jaghtux stampa cara ta` l-istat mentali tal-persuna nvoluta. Il-fatt li persuna ma tkunx taf liema partit hemm fil-Gvern u lanqas l-isem tal-Prim`Ministru u/jew tal-Kap tal-Oppozizzjoni, tista` tfisser allontament ta` dik il-persuna mix-xena politika, izda ma tfissirx necessarjament li dik il-persuna m`ghandhiex orjentament mentali normali. Fil-fatt, il-Profs. Abram Galea, li kien ic-Chairman tal-bord mediku, qal li huma, l-membri tal-bord, jaraw specifikament jekk dik il-persuna tistax tivvota, u ma jaghmlux assessment jekk dik il-persuna hijiex *compos mentis* jew le; ghal dan l-ezami, d-domandi li jsiru jkunu *"totalment differenti"*. Kif intwera, ezami simili ghamlu, darbtejn, il-Profs. Pisani, u dan f`ebda stadju ma sab li t-testatur kien nieqes minn dawk il-kapacitajiet mehtiega biex jirrediga testment.

Apparti dan kollu, hemm ix-xhieda tan-Nutar Gambin, li ppubblika z-zewg testmenti mpunjati, li ma qalx li t-testatur wera xi difett mentali waqt li kien qed jirrediga t-testmenti. Il-Qorti tqies li x-xhieda tan-Nutar hija importanti ghax dan huwa l-uniku ufficcjal pubbliku li kien prezenti fil-waqt li t-testatur kien qed jesprimi x-xewqat tieghu. Fil-kawza "Formosa vs Axiaq", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta` Gunju, 1938, (Vol. XXX.I.176), it-tobba li xehedu fuq it-testatur qalu li kien imbecilli u jbati minn dimentia. Cio nonostanti, il-Qorti qieset it-testment validu, u dan a bazi tax-xhieda tan-Nutar li qal li ma innota ebda agir stramb fil-waqt li kien qed jirredigi t-testment. Anke f`dan il-kaz, in-Nutar Gambin ma innota xejn stramb jew barra minn loku fil-komportament tat-testatur.

Jekk wiehed iqies, issa, ir-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji, hawn ukoll il-Qorti ma tara xejn barra minn loku. Veru li l-ulied subien gew, tista` tghid, imwarba bit-testmenti impunjati, pero`, kollox ma` kollox, din il-Qorti ma tarax li dan kien ghal kollox irragonevoli. Fic-cirkustanzi, dak li ghamel it-testatur, jista`, forsi jitqies bhala esagerat jew zbaljat, pero`, mhux decizjoni li persuna normali ma tistax tiehu fic-cirkustanzi. Fil-kors tax-xhieda gew indikati diversi incidenti li, tal-anqas, kienu *"jinkwetaw"* lit-testatur, u fid-dawl ta` dan mhux irragonevoli li hu ma jippreferihomx lill-uliedu s-subien. Hekk, per ezempju, issemma li wara l-hruq tal-imhazen li kellu t-testatur, it-tifel Alfred ried, f`dak il-mument, jitlaq halli jahdem ghar-rasu, u talab somma flus (ta` xi eluf) bhala kumpens ghal sehemu; f`mument hekk gravi li fih it-testatur kwazi tilef in-negozju kollu tieghu, dik it-talba ta` dan l-iben zgur li inkwetat mhux ftit lill-missier. Issemma wkoll li s-subien, fit-tmexxija tan-negozju, kienu ta` spiss jinkwetawh u jopponu r-rieda tieghu. Kienu jaghqilghu diversi problemi fuq flus u riedu anke jaghlqu l-hanut, fejn il-bniet kienu jahdmu, u kienu jiggieldu regolarment mal-bniet dwar l-istess negozju. Meta omm il-kontendenti kienet rikoverata l-isptar, u kienet fl-*Intensive Therapy Unit*, Alfed ma kienx imur jinvistha, u kien anke hedded li jirraporta lill-genituri tieghu lill-Pulizija, meta qam disgwid fuq il-flus li dawn kellhom depositati (illegalment) barra minn Malta; dan Alfred ukoll ma kienx halla l-missieru jigbed il-flus li kellu fil-bank wara l-mewt ta` ommu, avvolja fuq dan kienu qablu l-ahwa l-ohra kollha. Kien hemm l-episodju meta l-bniet ghamlu rapport lill-Pulizija fuq allegazzjoni li huthom John u Emanuel kienu hadu xi flus (madwar Lm50,000) mill-kumpanija. Il-kaz kien tressaq il-Qorti, u l-missier zgur ma hax gost b`dak li sema` fl-ahbarijiet meta l-kaz gie irrapurtat fuq il-mezzi tax-xandir. Kien hemm ukoll diversi incidenti meta l-ahwa subien aggredixxew lill-huthom il-bniet, anke fizikament, u l-missier kien jew jinduna jew ikun maghruf b`dan kollu.

Hemm ukoll ic-cirkostanzi li, waqt li l-ulied kollha kienu jahdmu fin-negozju, is-subien kienu jdahlu paga, waqt li l-bniet le. Fid-dawl ta` dawn id-diversi episodji, mhux

irragonevoli li t-testatur jipprovdi bil-mod li ghamel, u kwindi din il-Qorti ma tarax li d-dispozizzjonijiet testamentarji jitfghu xi dubju dwar il-kapacita` mentali tat-testatur.

Fir-rigward ta` impunjazzjoni ta` testment minhabba ingann, din il-Qorti (ghalkemm din il-kawzali ma gietx imressqa espressament fl-att tac-citazzjoni) taghmel riferenza ghall-kawza "Galea vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-1 ta` Lulju, 2005. Fiha saret riferenza ghall-principji assodati fil-gurisprudenza, u cioe`:

*"i) Illi testment huwa prezunt validu u l-annullament tieghu huwa konsiderat haga ferm serja. It-testatur ghandu jitqies li ghamel it-testment bil-pjena volonta` tieghu u b`hekk kwalunkwe allegazzjoni a rigward tal-validita` o meno tat-testment trid tigi ppruvata.*

*ii) Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti "la captazione… sono i raggiri dolosi adoperati presso il testatore per sorprendere le sue ultime volonta`". Inoltre, "La suggestione e la captazione non costituiscono mezzi propri e speciali per annullare le disposizioni testamentari; ma sono un ramo ed una dipendenza del dolo che deve servir loro di fondamento". "Bisogna per conseguenza domandare la nullita` non per captazione o suggestione, ma per dolo, provando che il testamento non sia piu` l`espressione della volonta` del decujus, il quale, vittima dei raggiri fraudolenti da cui fu acciecato, ha fatto quello che non avrebbe voluto fare". Dan il-principju gie ukoll abbraccat fil-gurisprudenza lokali.*

*iii) Illi fir-rigward ta` tali azzjoni biex "l-ghemil qarrieq ikun mottiv ta` nullita` irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, minghajru, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet testamentarji li fil-fatt ghamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f`testment b`mod li joqghod ghax-xewqa ta` persuna ohra u biex jikkuntentaha ma jitqiesx bhala bizzejjed biex jista` jinghad li tali testment huwa frott il-qerq. Ghaliex biex l-impunjattivita` tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx*

*ghall-qerq li twettaq". Inoltre, f`dawn il-kazijiet il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Minn dan jirrizulta bic-car li mhux kull zeghil jew suggestjoni huwa kawza ta` nullita` - irid ikun hemm id-dolo".*

F`dan il-kaz, ma jirrizultax li da parti tal-konvenuti Josephine u Carmen Sammut, ahwa Debattista, kien hemm dan l-agir doluz fil-konfront tat-testatur. Kienu huma li kienu jaqdu lill-genituri ghal dak kollu li kellhom bzonn, izda ma jirrizultax li huma dawru r-rieda tat-testatur favur taghhom. Veru li huma kienu jghidu lill-missierhom b`dak kollu li kien isehh fin-negozju u bl-inkwiet li kellhom ma` huthom is-subien, pero`, ma jirrizultax li t-testatur gie imgieghel jippreferihom. Fuq kollox, anke Antida Mallia, tifla ohra tat-testatur, giet ippreferita, avvolja hi ma kienetx involuta fin-negozju ma` hutha l-ohra.

Din tal-ahhar semmiet li f`zewg okkazzjonijiet missierha kien qalha biex huma, jigifieri uliedu, jahfrulu *"ghax galuni naghmel hekk"*, pero` ma giex indikat ghalxhiex kien qed jirreferi, u lanqas x`ried ifisser bil-kelma *"galuni"*, u cioe`, jekk intuzatx pressjoni jew suggestjoni. Jista` jkun li l-bniet kienu juzaw kliem, fis-sens li ta` kemm kienu qed jiehdu hsiebu, huma kienu qed jippretendu li jkunu ippreferuti, pero`, dan huwa suggestjoni mhux qerq. Din il-frazi tal-missier tista` tkun tfisser ukoll li l-missier kien dispjacut ghal dak li kellu jaghmel minhabba l-agir aggressiv ta` uliedu s-subien. Fi kliem iehor, tista` tinftiehem li hu xtaq li jhalli lil kulhadd indaqs, imma, minhabba l-atteggjament ta` uliedu s-subien, hass bhal kieku kien *"imgieghel"* jipprovdi mod iehor, u ghal dan, talab il-mahfra ta` uliedu. Il-Qorti thoss li dik is-sentenza, hekk *in vacuo*, ma tistax twassal ghall-prova konvincenti ta` qerq.

Fuq kollox, ma jirrizultax li l-ulied is-subien kienu eskluzi milli jikkomunikaw ma` missierhom. Veru li meta kien ikellmu ibnu Alfred, (li qal li kien imur jinvista lill-missieru regolarment sakemm dan tal-ahhar miet) il-missier kien jispicca inkwetat, pero`, bhala fatt ma jirrizultax li s-subien gew fizikament imcahda milli javvicinaw lill-missierhom. Hlief ghal uliedu John u Emanuel, uliedu l-ohra kienu

imorru ikellmuh, izda ma hadd ma stqarr li hu kien gie mgieghel jaghmel testment b`xi mod partikolari. Kif xehed Dun Carmelo Calleja, il-bieb tad-dar tat-testatur kien ikun dejjem miftuh, u meta hu jkun ried li jkellem lit-testatur (li kien jigi r-ragel t`ohtu), hu kien jaqbad u jidhol. Dan ix-xhud qal ukoll li l-mara tal-konvenut John Debattista kienet avvicinatu u qaltlu li zewgha xtaq ikellem lill-missieru; il-qassis tkellem ma` Josephine Debattista, li kienet tghix ma` missierha, u din qaltlu li John qatt ma gie mcahhad milli jmur ikellem lill-missieru; Dun Calleja ghadda r-risposta, pero`, xorta John Debattista ma kienx imur ikellem lill-missieru.

Din il-Qorti mhux qed teskludi li l-konvenuti Josephine u Carmen kellhom influenza fuq missierhom, u, probabilment, dan kien joqghod hafna fuq dak li jghidulu, pero`, ma tirrizultax pressjoni jew vjolenza morali fuqu. Forsi kienu jimpressjonawh bir-rakkont tad-dettalji tal-incidenti li kellhom ma huthom is-subien, pero` ma jsegwix li t-testmenti mhumiex rizultat tal-volonta` libera tieghu. Jidher li anke waqt li l-missier kien attiv fin-negozju, ir-relazzjoni tas-subien, specjalment ta` Alfred, fil-konfront ta` huthom il-bniet mhux dejjem kienet wahda li tghogob il-missier, u ghalhekk ma jistax jkun eskluz li l-missier hass li kellu jiehu pozizzjoni favur uliedu l-bniet.

Gie allegat li, Josephine u Carmen ma kienux ihallu lill-missierhom johrog mid-dar, tant li kien iqatta` hafna hin bil-qieghda barra l-bieb tad-dar tieghu. Jista` jkun li dan, jekk sar, kien isir minhabba l-eta` avvanzata u l-istat ta` sahha tieghu, pero`, f`kull kaz, dan ma jwassalx ghal agir doluz. Fuq kollox, hadd mill-ahwa l-ohra ma offra biex jiehu hsieb u jdur b`missieru, u meta dan ra li kien qed jiddependi hafna fuq dawn iz-zewg uliedu bniet, iddecieda li, kif jghid il-malti, *“jahseb ghal butu”* u jippremja lil min kien qed jiehu hsiebu. Anke jekk dan sar wara suggerimenti, attenzjoni jew zeghil da part ital-imsemmija bniet, u allura setghu *“influenzaw”* ir-rieda tieghu, ma jirrizultax li l-volonta` tat-testatur kienet hekk imxekla li hu ma setghax, kieku ried, jipprovdi mod iehor. Ma jirrizultax li, fil-waqt tat-thejjija tat-testment, kien hemm xi hadd prezenti barra n-Nutar.

Dwar il-kuntratt tas-26 ta` Gunju, 1991, l-attur qed jattakka l-istess fuq nuqqas ta` kapacita` mentali u frodi ippratikat mill-konvenuti Josephine u Carmen Sammut, ahwa Debattista. Fuq dan il-punt ta` inkapacita` legali, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Cristiano vs Portelli", deciza fil-31 ta` Mejju, 2004, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali, *"il-Qorti taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita mentali jekk dik l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kienet qieghda taghmel l-att"*.

F`dan il-kaz, ma jirrizultax li John Debattista, fil-waqt li kien qed jaghmel it-trasferiment (tramite bintu Josephine li kienet il-prokuratrici tieghu) kien ibati min xi mard mentali hekk serju li ma kienx jaf x`inhu jaghmel. Hu veru li grad ghola ta` kapacita` hu rikjest ghall-atti oneruzi milli ghal kaz ta` testment, pero`, anke minn dak li ntqal qabel f`din is-sentenza, fil-waqt li jirrizulta li John Debattista kien ibati minn mard fiziku, ma jirrizultax li kellu, lejn l-ahhar ta` hajtu, problemi mentali, ghajr ghar-rallentament tal-memorja kompatibbli mal-eta` avvanzata tieghu. Hu normali li aktar ma wiehed jikber, aktar jibda jinsa affarijiet li jigru ricenti u li ma jkunux daqshekk importanti ghalih, pero`, dan ma jfissirx li hu ma riedx jittrasferixxa l-fond 40, Msida Sea Front, Msida, lil bintu Carmen Sammut (Din il-Qorti ghandha d-dubji taghha kemm, legalment, hija valida kirja ta` nofs indiviz ta` fond, pero`, ghall-fini ta` din il-kawza, mhux mehtieg li din il-kwistjoni tigi trattata). L-artikolu 968 tal-Kodici Civili jiddikjara null kuntratt maghmul minn persuna *"li m`ghandhiex l-uzu tar-raguni"*, u, f`dan il-kaz, ma jirrizultax li John Debattista kien hekk nieqes jew li assolutament ma kienx jaf x`inhu qed jaghmel.

L-attur jallega wkoll li dan il-kuntratt hu vizzjat minhabba qerq. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Portelli vs Felice", deciza fit-28 ta` Lulju, 2004:

*"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f`kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu*

*mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (c) b`mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghamil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni. Fil-kaz tal-qerq, ghall-kuntrarju ta` dak li jigri fil-vjolenza (bhala kawza ta` nullita` tal-kunsens), is-sehem ta` terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta` kuntratt fejn il-kunsens ta` persuna jkun gie mehud b`qerq. Dan il-principju wkoll johrog mill-ligi".*

Illi peress li l-ghamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jigi allegat li l-kunsens ta` xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta` fatt bhal dan jaqa` fuq min iqanqal allegazzjoni bhal dan.

Intqal ukoll li mhux kwalunkwe skaltrezza hi dolo, u r-ragiri wzati jridu jilhqu dak il-grad ta` malvigita` li hu proprju tad-dolo (ara "Zammit vs Farrugia et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta` Marzu, 1967).

Anke hawn, il-Qorti ma tarax li jezistu l-elementi mehtiega biex tirnexxi din it-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt impunjat. Il-Qorti gia irrimarkat li seta` kien hemm zeghil, attenzjoni, suggerimenti u insistenzi, pero`, dawn, meta ma jkunux akkumpanjati minn male arte, ma jitqiesux bhala frodi. F`dan il-kaz, ma ssemmiet ebda cirkostanza ta` ingann biex sar it-trasferiment in kwistjoni, u din il-Qorti ma tarax li l-attur ressaq ombra ta` prova in sostenn ta` din l-allegazzjoni tieghu.

L-allegazzjoni li seta` kien hemm *"ftehim"* li l-qsim tal-wirt isir a bazi tat-testment tal-omm, mhiex rilevanti ghal din il-kawza, intiza biss ghall-impunjazzjoni tat-testment tal-missier. Dak l-allegat ftehim ma jifformax parti mill-meritu ta` din il-kawza u l-Qorti, ghalhekk, mhix se tidhol biex tikkunsidra l-esistenza u/jew il-validita` tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------